FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Saviour Baldacchino

vs

Brian Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 377378M akkuzat talli nhar it-28 ta' Ottubru 2013, f'xi hin bejn is-7.30 ta' filghodu u id-9.00 ta' filghaxija, gewwa bieb numru 90, Triq Belvedere, Gzira:

1. ikkometta serq ta' diversi oggetti minn gewwa Appartament Numru 3, ghad-dannu ta' Manuel Brenda u jew ta persuna/i ohra, liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix is-somma ta'€2329.37 bi ksur tal-Artikolu 263, 264(1), 267, 269(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. b'kull mezz, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli appartament ghad-dannu ta' Manuel Benda u/ jew persuna/i ohra bi ksur tal-Artikoli 325(1)(b);
3. bil-hsieb li jikkometti serq minn gewwa appartament numru 1 ghad-dannu ta' Ian Pace u jew persuna/i ohra, acceda gewwa l-istess appartament bi sgass u liema serq ma giex imwettaq minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu skond l-Artikoli 264(1), 269(g) u 41 (1)(a) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
4. b'kull mezz, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli appartament ghad-dannu ta' Ian Pace u/ jew persuna/i ohra bi ksur tal-Artikoli 325(1)(b);

Talli nhar l-4 ta' Novembru 2013, f'xi hin wara nofsinhar u/jew filghaxija, gewwa Santa Lucija:

5. ikkometta serq ta' diversi oggetti minn go vettura tal-ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni ANG-420 ghad-detriment ta' Maria Vincenza (Marvin) Formosa, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa. (Art 263, 264(1), 271(g);
6. b'mezzi xort'ohra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara ta' hgiega u tal-bieba tal-vettura bin numru tar-

registrazzjoni ANG 420, liema hsara ma tiskorrix l-€1,164.69, imma hija izjed minn €116.47 ghad-detriment ta' Maria Vincenza (Marvin) Formosa. (Art. 325(1)(b);

7. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' €100 ghad-dannu ta' Maria Vincenza (Marvin) Formosa u jew tal-Bank of Valletta bi ksur tal-Artikoli 308 u 310(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. bil-hsieb li jikkommetti frodi bili jigbed flus li jammontaw ghal €750 ghad-dannu ta' Maria Vincenza Formosa u jew persuna/i ohra, acceda ghal kont ta' Maria Vincenza (Marvin) Formosa mill-ATM tal-Bank of Valetta sitwata gewwa Santa Lucija u liema reat ma giex imwettaq minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu skond Artikoli 41(1)(a), 308, 310(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

talli nhar l-6 ta' Awissu 2013, f'xi hin filghodu:

9. min gewwa l-Bajja Sabieha, gewwa Birzebbuga, ikkommetta serq ta' hand bag kontenenti diversi oggetti ghad-dannu ta' Louise Zahra u jew ta' persuna/i ohra bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. gewwa Bir id-Deheb Zejtun, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' €120 ghad-dannu ta' Louise Zahra u jew ta' Bank of Valletta bi ksur tal-Artikoli 308 u 310(b) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. gewwa Bir id-Deheb, Zejtun xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, xjentement jew b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxihom ghad-detriment ta' Louise Zahra, Bank of Valletta u /jew persuna/i ohra bi ksur tal-Artikolu 334 (a)(b)(c);
12. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv skond sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi huma definittvi u ma jistawx jigu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49, 59 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 49, 59, 263, 264(1), 267, 269(g), 271(g), 284, 289, 308, 310(b),325 (1)(b), u 334(a)(b)(c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446, tordna illi l-imputat ikompli jsegwi l-programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga gewwa Santa Maria, ghal zmien tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat